

3) l-obbligu li tkun marbuta bil-ġurisprudenza tal-qrati ta' istanzi ogħla,

fejn dan l-effett vinkolanti huwa ġeneralment impost bil-liġi, jiġifieri, b'mod partikolari, anki fis-sitwazzjonijiet li fihom ma huwiex iggarantit *ex lege* li l-qrati ta' istanza għolja wettqu sħarriġ awtonomu tal-koerenza u tal-proporzjonalità li huwa bbażat fuq is-sitwazzjoni fattwali preżenti fi proċedura li tissodisfa f'kull rigward ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iżda pjuttost ikkaratterizzat fuq kollox:

1. bil-projbizzjoni tal-partijiet li jinvokaw motivi ġodda jew fatti ġodda,
2. bin-natura vinkolanti tal-fatti tal-kawża kkonstatati mill-qorti tal-istanza inferjuri,
3. bir-riferiment għas-sitwazzjoni fattwali u legali fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni tal-qorti ta' istanza inferjuri, u
4. bil-limitazzjoni tal-poter sempliċement għal kwistjonijiet fundamentali legali (il-Qorti Amministrattiva Suprema), minn naħa, u bil-ksur tal-isfera tad-drittijiet fundamentali (il-Qorti Kostituzzjonali), min-naħa l-oħra,

hija kompatibbli mal-libertà ta' stabbiliment iggarantita bl-Artikolu 49 TFUE u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita bl-Artikolu 56 TFUE?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Administrativo e Fiscal de Coimbra (il-Portugall) fis-16 ta' Novembru 2017 – Luís Manuel dos Santos vs Fazenda Pública**

(Kawża C-640/17)

(2018/C 042/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Administrativo e Fiscal de Coimbra

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Luís Manuel dos Santos

*Konvenut:* Fazenda Pública

**Domanda preliminari**

Il-prinċipju tal-moviment liberu ta' merkanzija bejn Stati Membri, stabbilit fl-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jipprekludi regola tad-dritt nazzjonali, b'mod speċifiku l-Artikolu 2(1)(b) taċ-CIUC <sup>(1)</sup>, interpretata fis-sens li tipprovdi li t-taxxa unika tat-triq ma għandhiex tiegħu inkunsiderazzjoni d-data tal-ewwel reġistrazzjoni meta din issir fi Stat Membru ieħor, iżda għandha tiegħu biss inkunsiderazzjoni d-data ta' reġistrazzjoni fil-Portugall, jekk din l-interpretazzjoni tagħti lok għal tassazzjoni ogħla tal-vetturi importati minn Stat Membru ieħor?

<sup>(1)</sup> Código do Imposto Único de Circulação (Kodiċi dwar it-Taxxa Unika tat-Triq)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (l-Irlanda) fis-27 ta' Novembru 2017 – M.A., S.A., A.Z. vs The International Protection Appeals Tribunal, The Minister for Justice and Equality, Attorney General, l-Irlanda**

(Kawża C-661/17)

(2018/C 042/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court (l-Irlanda)